MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 893/2011

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**MCCF Projects Company Limited [C-33281]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-13 ta' Ottubru, 2011** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand is-socjeta intimata, tas-somma ta' elfejn tlett mija tlieta u hamsin euro u tlieta u sebghin centezmi ta' euro [€2,353.73] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u tlieta u hamsin ewro u tlieta u sebghin centezmi (€2353.73) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50410257 moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-spejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-24 ta' Settembru, 2012, ta' nhar it-18 ta' Ottubru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta' Ottubru, 2012 u l-fatt li s-socjeta intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn tlett mija tlieta u hamsin euro u tlieta u sebghin centezmi ta' euro [€2,353.73], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------